ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 2

**IR-RABA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (Ġenerali) Il-Ħin: Siegħa u nofs**

**L-Isem: ______________________ Il-Klassi: ____________**

**Din il-karta fiha SITT taqsimiet. L-istudenti huma mitluba jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA u jaqraw sew l-istruzzjonijiet għal kull taqsima. L-istudenti għandhom jiktbu t-tweġiba ta' Taqsima F fuq karta separata.**

**Taqsima A: Agħżel it-tweġiba tiegħek mill-kliem li ġej**.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| il-politika | soċjali | nazzjonali | sekularizzazzjoni | grupp |
| unika | tinbidel | il-familja | informali | titgħallem |
| ir-reliġjon | ix-xogħol | tolleranza | *life long learning* | fl-iskola |

1. Kull persuna hi ______________________.
2. Persuna tibda ______________________ kif għandha ġġib ruħha minn meta titwieled.
3. ______________________ huwa ffurmat kull meta żewġ persuni jew aktar jingħaqdu flimkien.
4. Identità ______________________ hi dak kollu li jagħmilna Maltin.
5. Il-gruppi fis-soċjetà mhux kollha l-istess. Is-soċjetà hi magħmula minn klassijiet ______________________ differenti.
6. ______________________ hi l-benniena tas-soċjetà.
7. ______________________ ma nitgħallmux naqraw u niktbu biss.
8. ______________________ tfisser it-twemmin f'Alla jew f'xi divinità oħra li tmexxik fil-ħajja.
9. ______________________ hi t-tmexxija ta' post u mhux il-ġlied bejn partit u ieħor.
10. ______________________ jgħinek taqla' l-flus għall-ħajja ta' kuljum.
11. Maż-żmien is-soċjetà ______________________ minħabba l-ideat ġodda li jidħlu fiha.
12. Edukazzjoni ______________________ tfisser it-tagħlim ta' valuri li persuna tieħu permezz tal-midja u n-nies ta' madwarna.
13. ______________________ hi meta jibdew jidħlu ideat ġodda fis-soċjetà li jieħdu post dawk reliġjużi.
14. It-tagħlim hu proċess tul il-ħajja li jissejjaħ ______________________.
15. ______________________ tfisser li tagħti ċans lil ħaddieħor jesprimi l-opinjoni tiegħu.

**(15-il marka)**

**Taqsima B: Immarka t-tweġiba t-tajba.**

1. Soċjalizzazzjoni primarja hi t-tagħlim li nieħdu
   a) fl-ewwel snin fl-iskola primarja
   b) fl-ewwel snin ta’ ħajjitna mill-familjari
   c) minn nies barranin.

2. *Peer group* hu
   a) grupp tat-talb
   b) grupp li jqassam il-frott
   c) grupp li tagħmilha miegħu u jinfluwenzak.

3. Il-lingwa
   a) hi parti importanti mill-kultura
   b) mhix parti importanti mill-kultura
   c) hi eżempju ta’ komunikazzjoni non-verbali.

4. F’soċjetà multikulturali
   a) issib ħafna kulturi
   b) hi parti mill-kultura li l-pulizija jagħtu ħafna ċitazzjonijiet
   c) issib kultura waħda biss.

5. Meta persuna tagħmel parti minn *pressure group*
   a) ikollha pressjoni għolja
   b) taħdem ma’ grupp
   c) taħdem biex tbiddel l-ideat tas-soċjetà.

6. Aġenti importanti tas-soċjalizzazzjoni sekondarja huma
   a) l-edukazzjoni u l-iskejjel
   b) il-ġenituri
   c) il-kompjuters.

7. Persuna mhix maħluqa biex
   a) taħdem
   b) tmexxi
   c) tgħix waħidha.

8. Fil-grupp
   a) għandha dejjem tgħaddi tiegħi
   b) għandha dejjem tgħaddi tal-kap
   c) għandna nifthemu biex ikun hemm qbil.

9. Fil-gruppi ta’ interess (*interest groups*) jiltaqgħu nies
   a) li jkollhom ħafna flus u għalhekk jaqilgħu ħafna interessi
   b) li jkollhom l-istess passatempi
   c) biex jagħmlu l-ħsara.

10. Normi huma
    a) regoli taċ-ċentru taż-żgħażagħ
    b) regoli ta’ grupp, mhux bilfors miktuba
    c) liġijiet tal-pajjiż.

**(10 marki)**

**Taqsima C: Għid jekk hux VERU jew FALZ u għid għaliex:**

1. Fid-dinja teżisti reliġjon waħda biss. Veru/Falz

   Għaliex? ____________________

2. Li tiskarta x-xogħol ma fiha xejn ħażin sakemm ma tinqabadx. Veru/Falz

   Għaliex? ____________________

3. Stratifikazzjoni soċjali tfisser li titgħallem kif iġġib ruħek fis-soċjetà. Veru/Falz

   Għaliex? ____________________

4. Il-libertà tal-espressjoni hi ċ-ċans li persuna ssemmi l-opinjoni tagħha. Veru/Falz

   Għaliex? ____________________

5. *No man is an island* tfisser li ħadd ma jista' jgħix waħdu. Veru/Falz

   Għaliex? ____________________

**(10 marki)**

**Taqsima D**: **Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

"Illum il-familja qed taffaċċja ħafna sfidi minħabba ċertu influwenzi u bidliet soċjali li qed iħallu impatt fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. Hemm uħud li ma tantx jaraw il-ħajja fil-familja bħala esperjenza sabiħa. Dan għaliex ikunu qed ibatu minn vjolenza domestika: pereżempju abbuż psikoloġiku (tgħajjir), fiżiku (swat), sesswali (stupri) jew inkella jiġu abbandunati (jitħallew waħedhom jew ma jiġux ipprovduti bi bżonnijiet neċessarji biex ikunu jistgħu jgħixu ħajja diċenti). Dawn l-abbużi normalment jiġu assoċjati mat-tfal jew in-nisa, iżda dan ma jfissirx li m'hawnx irġiel li qed isofru minn abbużi ta' vjolenza domestika."

**Silta meħuda minn *Studji Soċjali – Nifhmu l-Ġenn tas-Soċjetà* p. 85.**

1. Agħti titlu għal din is-silta.

   ____________________

   (1 marka)

2. Semmi **ŻEWĠ** tipi ta' familji li nsibu f'Malta u spjegahom.

   ____________________

   ____________________

   ____________________

   ____________________ (4 marki)

3. Spjega **WAĦDA** mill-funzjonijiet bażiċi tal-familja.

   ____________________

   ____________________ (2 marki)

4. Iddeskrivi **TLIET** tibdiliet fil-famlja li seħħew dan l-aħħar fis-soċjetà Maltija.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (3 marki)

5. X'effetti tħallew fuq il-familja meta l-mara bdiet toħroġ taħdem?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (3 marki)

6. Apparti l-problemi li rajna fis-silta hemm oħrajn. X'effetti jħallu fuq il-familja vizzji bħall-abbuż tad-droga u l-alkoħol?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (3 marki)

7. X'jista' jagħmel il-Gvern biex jgħin lil persuni f'sitwazzjoni bħal din?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (3 marki)

8. Ħabiba tiegħek għaddejja minn esperjenza ta' abbuż fil-familja. Hi tistħi u tibża' titkellem dwarha. Kif tista' tgħinha?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (3 marki)

9. Issib familji li jagħmlu minn kollox biex iżommu l-anzjani d-dar filwaqt li oħrajn jitfgħuhom ġo xi dar tal-anzjani u ma jmorrux jarawhom. Xi rwol jista' jkollhom l-anzjani fil-familja?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (3 marki)

**(25 marka)**

**Taqsima E: Wieġeb ERBGĦA minn dawn il-mistoqsijiet li ġejjin fid-dettall.** (**20 marka**)

1. Ħafna persuni meta ssemmilhom **kultura** jiġihom f'moħħhom xi opra jew it-teatru ... iżda kultura hi magħmula minn bosta elementi. Iddeskrivi **ĦAMSA** minn dawn.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (5 marki)

2. F'pajjiż demokratiku kull persuna għandha dritt tagħti l-opinjoni tagħha mingħajr biża' ta' vendikazzjoni jew ritaljazzjoni. Semmi **ĦAMES** metodi ta' kif persuna tista' tagħti l-opinjoni tagħha.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (5 marki)

3. "Ħafna xogħol ma jgħoddx għalina għaliex żgur ikun rovina!" Taqbel? Għalfejn persuni f'soċjetà bħal tagħna jridu jaħdmu?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (5 marki)

4. Il-kunsilli lokali mhumiex xi kumpanija li hi mmirata biex tagħmel profitt miċ-ċitazzjonijiet. Taqbel? Spjega **ERBA'** tipi ta' xogħol li huma responsabbli għalih il-Kunsilli Lokali.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (5 marki)

5. Kif tgħinna s-sistema edukattiva fil-proċess ta' soċjalizzazzjoni? Għalfejn għandna nistudjaw?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (5 marki)

**Taqsima F: Agħżel WIEĦED minn dawn it-temi u ikteb madwar 200 kelma dwaru. Il-komponiment għandu 20 marka.**

1. "L-edukazzjoni ma tispiċċax malli nispiċċa mill-iskola iżda tkompli tul il-ħajja kollha". Iddiskuti.

2. "Hemm diversi setturi fl-ekonomija Maltija: dak primarju, sekondarju, terzjarju u kwaternarju (ir-raba' settur)." Iddiskuti billi tispjegahom u agħti eżempji dwarhom.

3. "Ir-reliġjon ma tfissirx li taqbeż quddiem statwa jew tgħajjar lil xi ħadd. Lanqas ma tfisser li toqtol lil min ma jaqbilx miegħek." Iddiskuti l-funzjonijiet tar-reliġjon.

4. "L-Internet, il-laptops u l-*interactive white boards* kollha jgħinu biex l-edukazzjoni timxi 'l quddiem." Iddiskuti.